FGURA

Minuti tal-laqgħa 69 tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tnejn 27 ta' Frar 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-18:30.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A. DeGiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur C. Bonello (18:40)<br>Is-Sur S. Camilleri<br>Is-Sra R. Cutajar<br>Is-Sur P. Dalli<br>Is-Sur A. Debono<br>Is-Sur M. Lombardo (18:40)<br>Chev. D. Marmara` KLJ |
| **Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Minuti

1.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3281/12/6 "Sabiex jiġu approvati minuti 20 ta' Frar, 2012." Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Chev D Marmara`.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3281/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

## 2.0 Korrispondenza

2.01 Ma tressqet l-ebda korrispondenza.

MAYOR, VICE MAYOR, COUNCILLORS & SECRETARY

## 3.0 Purchase Request Forms

3.01 Ma tressqet l-ebda Purchase Request Form.

## 4.0 Ħlasijiet

4.01 Ma tressqu l-ebda ħlasijiet.

## 5.0 Premises Ġodda tal-Kunsill

5.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3282/12/6 "Sabiex quotation SE-17-12 jiġi awarded lil Marvin Ellul peress li hija l-aktar offerta vantaġġjuża. Kwotazzjonijiet annessi." (Ara 'Dok A'). Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Chev D Marmara`.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3282/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

## 6.0 Rapporti Kumitati / Sotto Kumitati

6.01 Ma ġie mressaq l-ebda rapport.

## 7.0 Rapporti ta' Ħidma mill-Kunsilliera

7.01 Is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 3283/12/6 "Sabiex il-Kunsill jagħmel signs bħala indikazzjoni jew direzzjoni għal fejn il-karozzi jkunu sejrin. Dawn għandhom jitpoġġew fuq central strip fejn hemm il-monument tas-Salib". Din kienet sekondata mis-Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3283/12/6 kienet approvata unanimament.

7.02 Is-Sra R Cutajar ressqet mozzjoni ref: 3284/12/6 "Sabiex titneħħa t-tabella li hemm u ssir oħra li tgħid li tista' tipparkja waqt xi funzjoni ġewwa l-Knisja. Din it-tabella qiegħda fi Pjazza Reggie Miller". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3284/12/6 kienet approvata unanimament.

7.03 Chev. D Marmara` ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex issir emenda fuq avviż li qed jidher fuq in-notice boards, relatat mall-Ġimgħa l-kbira. Minn flok il-kliem 'Għat-tieni sena konsekuttiva', l-avviż ikun jinqara 'Għat-tielet sena konsekuttiva'. Kien hemm qbil ġenerali li jsir dan.

**8.0 Mozzjonijiet**

8.01 Ma tressqet l-ebda mozzjoni.

**9.0 Mistoqsijiet**

9.01 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet.

**10.0 Aġġornament**

10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 ta' Marzu, 2012, fis-18:30.

Il-laqgħa ntemmet fis-18:42.

Sindku

Segretarju

# Quotation SE-17-12

Dok 'A'

**Quotation for Services of a Structural Engineer to provide structural drawings and any necessary calculations required with regards to the Council's New Administrative Offices in Fgura**

| Nr. | Name | Amount | Other docs |
|---|---|---|---|
| 1 | Aaron Abela | €3,800 | Yes |
| 2 | Alistair Avallone | €4,250 | No |
| 3 | Archi+ - Architects Studio | €4,200 | Yes |
| 4 | iAS - Architects & Structural Engineering | €4,500 | Yes |
| 5 | Karl Cutajar | €1,978 | Yes |
| 6 | Marvin Ellul | €1,750 | No |
| 7 | Med Design Associates | €2,800 | Yes |
| 8 | Samuel Formosa | €4,400 | Yes |